

22002D0085

L 266/50

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

3.10.2002

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 85/2002

tal-25 ta' Ġunju 2002

li temenda l-Anness VII (Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem msejjaħ il-Ftehim, u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness VII għall-Ftehim ġie emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 55/2001 tat-18 ta' Mejju 2001 ⁽¹⁾.
- (2) Id-Direttiva 98/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 li tiffaċilita l-prattika tal-professjoni ta' avukat fuq bażi permanenti fi Stat Membru barra minn dak ġo liema ġiet miksuba l-kwalifika ⁽²⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 2 (id-Direttiva tal-Kunsill 77/249/KEE) fl-Anness VII għall-Ftehim:

- “2a. **398 L 0005:** Id-Direttiva 98/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 li tiffaċilita l-prattika tal-professjoni ta' avukat fuq bażi permanenti fi Stat Membru barra minn dak ġo liema ġiet miksuba l-kwalifika (ĠU L 77, ta' l-14.3.1998, p. 36).

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-iskopijiet tal-Ftehim preżenti, jinqraw bl-adattament li ġej:

Dan li ġej għandu jiġi miżjud fl-Artikolu 1(2):

| | |
|---------------|--------------|
| L-Islanda | Lögmaður |
| Liechtenstein | Rechtsanwalt |
| In-Norveġja | Advokat” |

Artikolu 2

It-testijiet tad-Direttiva 98/5/KE fl-ilsna ta' l-Islanda u n-Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Supplement taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, għandhom ikunu awtentiċi.

⁽¹⁾ ĠU L 165, tal-21.6.2001, p. 60.

⁽²⁾ ĠU L 77, ta' l-14.3.1998, p. 36.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-26 ta' Ġunju 2002, previst li n-notifiki kollha taħt lArtikolu 103(1) tal-Ftehim ġew magħmula lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE tal-, u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-, *Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmul fi Brussel, 25 Ġunju 2002.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) L-ebda ħtiġiet kostituzzjonali indikati.